TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 86/13-F

**Mary Grace Calleja**

**vs**

**Homezone**

Illum 5 ta' Novembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 t'April, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mija, u ħamsa u erbgħin ewro (€745), rappreżentanti prezz ta' *washing machine* illi waqt li kienet għadha bil-garanzija ma bdietx taħdem tajjeb.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *washing machine* ta' 8kg bil-prezz ta' seba' mija, u ħamsa u erbgħin ewro (€745), fl-2008 mingħand is-soċjeta' ntimata. Illi din il-*washing machine* kienet koperta b'garanzija ta' ħames snin u li kienet tużha biss fit-tliet xhur tas-sajf u li wara ftit bdiet tagħmel l-ilma.

Ir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta ssottometta li l-ħsara li kellha l-*washing machine* kienet li mar is-swiċċ u l-*bearings,* u dawn minħabba l-*wear and tear.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota wkoll illi l-*washing machine* nxtrat fl-2008 u l-kawża ġiet ippreżentata quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur fl-2013, jiġifieri r-rikorrenti għamlet użu tajjeb minnha.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi kien hemm diversi nuqqasijiet f'din il-*washing machine*, pero' dawn ma ttranġawx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), u b'kull parti tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u b'dan illi l-*washing machine* tibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**